MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2010

Citazzjoni Numru. 1070/1995/3

Joseph Chetcuti bhala prokuratur ta' l-assenti Jacqueline Gunatungue, u Claire u Sarah ahwa Azzopardi u b'nota tas-16 ta' Mejju 2006 Sarah Azzopardi assumiet l-atti f'isimha stess u ghan-nom ta' ohtha Claire Azzopardi flok Joseph Chetcuti llum mejjet u b'digriet tad-19 ta' Ottubru 2006 l-atti gew trasfuzi fil-persuna ta' Sarah Azzopardi f'isimha proprju u ghan-nom ta' Jacqueline Gunatungue u Claire Azzopardi flok Joseph Chetcuti

vs

Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tat-30 ta' April, 1996 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Jane Bugeja, Giulio Zarb, Godfrey u Louise konjugi Bezzina u Alex u Elizabeth konjugi Bezzina

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha eccepew:

Illi l-attrici Jacqueline llum Gunatungue kienet izzewget lil Carmelo Azzopardi, illum mejjet fl-14 ta' Jannar 1973 f'Malta;

Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal u cioe` lil Claire fis-27 ta' Marzu 1974 u lil Sarah fit-23 ta' Mejju 1977;

Illi permezz ta' kuntratt pubbliku datat 11 ta' Novembru 1981 fl-atti tan-nutar Maurice Gambin, Carmelo Azzopardi xtara l-fond 84, Spinola Road, San Giljan;

Illi fit-13 ta' Settembru 1982, l-attrici u Carmelo Azzopardi gew divorzjati fl-Ingilterra minghajr pero` ma illikwidaw il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti sa dakinhar;

Illi fis-27 ta' Lulju 1989 Carmelo Azzopardi miet u skond ir-ricerki testamentarji, l-ahhar testment tieghu huwa dak maghmul fl-atti tan-nutar Mark Coppini fis-7 ta' Settembru 1986, permezz ta' liema huwa appunta lit-tfal bhala unici werrieta tieghu u lil ohtu konvenuta Jane mart Paul Bugeja bhala ezekutrici testamentarja tal-wirt tieghu;

Illi permezz ta' digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili numru 246/93, il-Qorti iddecidiet illi l-ezekuzzjoni tat-testment ghandha tibqa' f'idejn il-werrieta u idderigiet illi dawn, ghall-fini ta' l-eredita` jibqghu jigu rapprezentati minn ommhom fil-persuna tal-mandatarju taghha Joseph Chetcuti;

Illi b'digriet iehor sussegwenti tal-11 ta' Novembru 1993 is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili innominat lil Jane Bugeja u lit-tifla Claire biex jikkoamministraw il-wirt ta' Carmelo Azzopardi u li "kwalunkwe decizjoni fuq l-assi tal-wirt ghandha tittiehed minn Jane Bugeja flimkien ma' Claire Azzopardi";

Illi l-atturi ricentement saru jafu li l-konvenuta Jane Bugeja ipprezentat rikors fis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fejn talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ghall-bjegh tal-fond 84, Spinola Road, San Giljan, liema rikors qatt ma giet notifikat lilhom;

Illi l-konvenuta qatt ma ikkonsultat lil Claire Azzopardi b’dan il-bejgh;

Illi b’digriet tat-2 ta’ Dicembru 1994 it-talba giet milqugha ad insaputa ta’ l-atturi;

Illi fil-31 ta’ Jannar 1995 il-konvenuta fil-vesti taghha ta’ ezekuttrici testamentaja bieghet il-fond lil Giulio Zarb bil-prezz ta’ Lm8000 (tmint elef Lira Maltin);

Illi fil-kuntratt dehru wkoll Godfrey u Alexander ahwa Bezzina u marthom Louise u Elizabeth rispettivament sabiex isellfu lil Giulio Zarb Lm8000 (tmint elef Lira Maltin) u giet registrata favur taghhom ipoteka specjali fuq il-fond;

Illi dan il-kuntratt sar minghajr ix-xjenza u l-kunsens ta’ l-atturi u ghalhekk bi vjolazzjoni tad-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta’ Novembru 1993;

Illi ghalhekk id-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta’ Dicembru 1994 huwa null ghax ir-rikors sar minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Claire Azzopardi, u inoltre l-kuntratt konsegwenzjali tal-31 ta’ Jannar 1995 huwa null ukoll.

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara bhala null u bla effett id-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta’ Dicembru 1994 maghmul fuq talba ta’ Jane Bugeja;

2. Tiddikjara bhala null u bla effett il-kuntratt tal-31 ta’ Jannar 1995 fl-atti tan-nutar Joseph Tabone bejn il-konvenuta Jane Bugeja u l-konvenut Giulio Zarb;

3. Tiddikjara konsegwentement bhala nulla u bla effett l-ipoteka spejcali registrata favur Godfrey u Alexander ahwa Bezzina u marthom Louise u Elizabeth rispettivament fl-istess data fuq il-proprjeta` 84, Spinola Road, San Giljan;

4. Tikkundanna lil Giulio Zarb sabiex fi zmien li jigu lilu prefiss jizgombra mill-fond 84, Spinola Road, San Giljan u jirrilaxxa l-istess favur l-atturi.

Salv u impregudikati d-drittijiet ta' l-atturi ghall-hlas ta' danni spettati lilhom b'rizultat ta' dan l-agir tal-konvenuti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti Giulju Zarb, Godfrey u Louise konjugi Bezzina u Alex u Elizabeth konjugi Bezzina li biha eccepew:

Fl-ewwel lok in-nullita` tac-citazzjoni billi l-attrici Jacqueline Gunatungue ma ghandha ebda interess guridiku fil-mertu odjern.

Illi fit-tieni lok l-intempestivita` tal-kawza billi qabel kull azzjoni jrid ikun hemm ir-rendikont tal-amministrazzjoni mill-ezekutrici testamentarja Jane Bugeja u dan ghadu ma sarx.

B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici fil-kwalita` taghhom premessa li biha eccepew:

1. Illi huma m'humiex edotti mill-fatti tal-kawza

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta’ Jacqueline Grove Haworth (Gunatungue) fejn fih semmiet li hi zzewget lil Carmelo Azzopardi fl-14 ta’ Jannar 1973 f’Malta u ghexet f’Malta ghall-perjodu ta’ hames snin wara z-zwieg. Minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, Claire li twielded fis-27 ta’ Marzu 1974 u Sarah li twielded fit-23 ta’ Mejju 1977. Matul iz-zwieg u fiz-zmien li kienet Malta xtraw zewg proprjetajiet fl-1973 u fl-1976, u telqet minn Malta maz-zewgt itfal fl-1979. Qalet ukoll li hi iddivorzjat lil zewgha fl-Ingilterra fit-13 ta’ Settembru 1982 minghajr ma illikwidat il-komunjoni tal-akkwisti u minghajr ma rregistrat id-divorzju hawn Malta.

Aktar tard saret taf li l-ex ragel taghha kien xtara d-dar 84, Spinola Raod, San Giljan permezz ta’ kuntratt pubbliku datat 11 ta’ Novembru 1984 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin. Carmelo Azzopardi miet fis-27 ta’ Lulju 1989 u dak iz-zmien hi kienet tghix Singapore flimkien ma’ uliedha u saret taf bil-mewt tieghu xhur wara. Lejn l-ahhar ta’ l-1989 Joseph Chetcuti, habib taghhom, kien ordna r-ricerki testamentari f’isimha biex jivverifikaw jekk hemmx xi wirt. Qalet li l-ahhar testment li kien ghamel Carmelo Azzopardi kien fis-7 ta’ Settembru 1986. Semmiet ukoll li saret taf minghand Joseph Chetcuti li Jane Bugeja, oht l-ex ragel taghha kienet nominata wkoll fit-testment ta’ zewgha.

Joseph Chetcuti kien qalilha wkoll li Jane Bugeja kienet qed tbigh il-luzzu u l-mobbli li kien halla Carmelo Azzopardi u li lil din mhux ta min jafdaha wara li naqset li tikkuntattja lill-attrici jew lil uliedha. Kompliet tghid li saret taf ukoll li Jane Bugeja kriet iz-zewg fondi lil certu Alexander Bezzina minghajr ma nfurmathom u minghajr

ma tathom ebda flus minn dawn il-kirjiet. La lilha u l-anqas lil uliedha, Jane Bugeja qatt ma ikkuntattjahom minn wara l-mewt ta’ Carmelo Azzopardi. Ghalhekk l-attrici kienet awtorizzat lil Joseph Chetcuti biex iqabbad avukat f’isimha u jiftah kawza fil-Qorti Maltija. Hekk sar u fl-1993 ipprezenta rikors fil-Qorti Maltija. Semmiet li l-Qorti iddecidiet li l-ezekuzzjoni testamentarja ghandha tibqa’ f’idejn l-eredi u cioe` t-tfal taghha. In vista tal-fatt li f’dak iz-zmien uliedha kienu ghadhom minuri, il-Qorti ordnat li jkunu rapprezentati minnha u ghalhekk mill-prokuratur taghha Joseph Chetcuti. Sadanittant Jane Bugeja ipprezentat rikors fejn ikkontestat in-nomina ta’ Joseph Chetcuti. B’digriet tal-11 ta’ Novembru 1994 ordnat li Jane Bugeja u Claire Azzopardi li dak iz-zmien kienet maggorenni kellhom jamministraw il-proprjeta` mhollija minn Carmelo Azzopardi. Ghalhekk kull decizjoni fuq l-imsemmija proprjeta` kellha tittiehed flimkien mat-tifla taghha Claire.

F’Gunju 1995 kienet infurmata minn Joseph Chetcuti li Jane Bugeja kompliet tipprocedi bil-bejgh tad-dar 84, Spinola Road, St. Julians ghas-somma ta’ Lm8,000 u dan minghajr ma kienu nfurmati u minghajr ma hadet l-awtorizzazzjoni tat-tifla taghha Claire. Qalet li Jane Bugeja qatt ma offriet jew tat il-flus lilha jew lil bintha bhala eredi ta’ missierha. Qabel il-bejgh ta’ l-imsemmi fond Jane Bugeja ipprezentat rikors fil-Qorti biex titlob l-awtorizzazzjoni biex tbigh l-imsemmi fond minghajr ma l-Qorti giet infurmata bid-digriet tal-11 ta’ Novembru 1994. Jane Bugeja giet awtorizzata tkompli bil-bejgh b’digriet tat-2 ta’ Dicembru 1994 minghajr il-kunsens taghha jew ta’ ulieda. Semmiet li t-tfal taghha taw lil Joseph Chetcuti konferma bil-miktub li huma qatt ma awtorizzaw lil Jane Bugeja biex tbigh il-proprjeta`, imbaghad f’Lulju 1995 hi tat struzzjonijiet lill-avukat taghha Dr. Mario De Marco biex jipprocedi l-Qorti b’din il-kawza.

Gie prezentat affidavit ta’ <u>Claire Azzopardi</u> fejn fih semmiet li l-genituri taghha kienu zzewgu fl-14 ta’ Jannar 1973 f’Malta u ghexu Malta ghall-perjodu ta’ hames snin wara z-zwieg. Semmiet li wara li z-zwieg tal-genituri taghhom falla, ommha telqet u hadet lilha u lil ohtha li dak

iz-zmien kellhom hames (5) snin u sentejn. Fl-1982 sar id-divorzju izda ma sar xejn dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti. Missierha miet fl-1989 meta hi kienet tghix f'Singapore ma' ommha u ma' ohtha. Wara saret taf bil-mewt ta' missierha u li l-ahhar testment tieghu kien dak tas-7 ta' Settembru 1986 fejn halla l-proprjeta` tieghu lilha u lil ohtha. Saret taf minghand ommha li Jane Bugeja giet nominata ezekutur testamentarju. Saret taf ukoll *tramite* Joseph Chetcuti li Jane Bugeja kienet qed tapproprja ruhha mill-mobbli li kien halla missierha u li kienet qed tbigh il-luzzu u xi oggetti ohra. Saret taf ukoll li Bugeja kienet kriet zewg fondi mhollija lilha u lil ohtha lil certu Alex Bezzina, u dan minghajr ma qatt Jane Bugeja nfurmathom jew tawha l-kunsens, jew tat xi rendikont dwar il-flus. Fil-11 ta' novembru 1994 il-Qorti kienet iddegretat li Jane Bugeja u hi kellhom il-ko-amministrazzjoni tal-proprjeta` mhollija minn missierha u ghalhekk kull decizjoni kellha tittiehed mit-tnejn. Ghal nofs 1995 saret taf li Jane Bugeja bieghet il-fond 84, Spinola Road, San Giljan ghas-somma ta' Lm8,000 minghajr ma nfurmat la lilha, la lil ommha u anqas lil ohtha, u qatt ma ghaddiet il-flus tal-prezz.

Xehdet Sarah Azzopardi li ikkonfermat meta zzewgu l-genituri taghha u li hi ghexet bhala zghira l-Ingilterra u wara Singapore u li kellha 13-il sena meta miet missierha. Dak iz-zmien ohtha kellha 16 u saru jafu li miet missierhom *tramite* Joseph Chetcuti. Semmiet li zmien minnhom Jane Bugeja kriet proprjetajiet lil Alex Bezzina minghajr ma qaltilhom u minghajr ma ghadditilhom qatt ebda flus. Semmiet li wara l-bejgh mhux awtorizzat tal-fond ghal Lm8,000 qatt ma rcevew flus tieghu. Tat aktar dettalji fl-affidavit taghha.

Xehed Giulio Zarb li joqghod 91, Spinola Road, St. Julian's u ilu jghix hemmhekk minn mindu twieled fl-1957. Semma li l-fond 84, Spinola Road kien mikri lil certu Carmelo Azzopardi. Zied li oht Carmelo Azzopardi, Jane Bugeja, offrietlu jixtri l-post Lm5,000. Meta gie suggerit lilu li l-prezz kien ta' Lm8,000 qal li ma jiftakarx. Zied li lilu silfu l-flus il-Perit Alex Bezzina ghax hu kien xufier tieghu u in segwitu kien radd il-flus lill-Perit minghajr imghax.

Lill-Perit Bezzina l-flus kien tahomlu f'daqqa lura. Ghal hafna domandi irrisponda li ma jafx u ma jiftakarx. Lin-Nutar mhux hu kien hallsu izda l-Perit.

Xehed il-Perit Jaccarini u semma li b'referenza ghar-rapport tieghu tas-Sekond'Awla ta' l-10 ta' Novembru, 1994 dwar il-fond 84, Triq Spinola, San Giljan il-fond kien rekwizizzjonat. Qal li ma jafx b'ebda dokument li setghu wrewh fuq kera. Peress li l-access inzamm 14-il sena ilu kien difficli li jiftakar certi dettalji pero` kellu l-impressjoni li l-kerrej kien prezenti u kien proprju hu interessat li jixtri l-post. Ghalkemm ma kienx jaf jekk il-kerrej kienx joqghod fil-fond jew le qal li kellu l-impressjoni li kien hu li kien fetah il-bieb, izda sostna li ma kienx cert. Meta fir-rapport inghad li l-post kien jinsab fi stat ta' manutenzjoni hazina qal li b'dan ma kienx qed ifisser li l-post ma kienx abitabbli izda kellu jqis ic-cirkostanzi biex wasal ghal konkluzjoni jekk il-prezz kienx wiehed vantaggjuz jew le. Qal li l-fattur li l-post kien rekwizizzjonat kienet li jekk il-post jizvojta kien ser jiehdu l-Gvern u ghalih dan kien zvantagg li l-post kien rekwizizzjonat.

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

### ***D1. Fatti tal-kaz:***

Din il-kawza tirrigwarda fond 84, Triq Spinola, San Giljan. L-attrici Jacqueline Gunatungue kienet izzewget lil Carmelo Azzopardi fl-1973 u kellhom zewgt itfal, Claire li twieldet fl-1974 u Sarah li twieldet fl-1977. Carmelo Azzopardi xtara l-imsemmi fond fl-1981 u fl-1982 Carmelo Azzopardi u Jacqueline Gunatungue iddivorzjaw pero` ma illikwidawx il-komunjoni ta' l-akkwisti. Azzopardi miet fl-1989 u permezz ta' l-ahhar testment tieghu appunta lil Claire u Sarah bhala unici eredi u lil ohtu konvenuta Jane Bugeja ezekutrici testamentarja.

Din Jane Bugeja fl-1989 kienet ressqet rikors biex tigi konfermata ezekutrici testamentarja. Wara diversi digrieti, kien hemm id-digriet tal-11 ta' Novembru 1993 tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili li permezz tieghu Jane Bugeja u Claire Azzopardi gew nominati biex jikko-amministraw il-wirt ta' Carmelo Azzopardi u li kwalunkwe decizjoni fuq l-

assi tal-wirt ghandha tittiehed minn Jane Bugeja flimkien ma' Claire Azzopardi (fol 179 tal-process).

Sussegwentement Jane Bugeja ipprezentat rikors fejn identifikat ruhha bhala ezekutrici testamentarja u talbet il-bejgh tal-fond *de quo* ghal Lm8,000, liema rikors gie milqugh *ad insaputa* ta' l-atturi.

***D2. L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut – ebda interess guridiku ta' Jacqueline Gunatungue u nullita` tac-citazzjoni:***

Fil-mument tal-mewt ta' Carmelo Azzopardi, Sarah u Claire Azzopardi kienu ghadhom minuri u kienet tiehu hsiebhom ommhom Jacqueline Gunatungue. Bid-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili numru 246/93, il-Qorti kienet ordnat li l-ezekuzzjoni tat-testment tibqa' f'idejn il-werrieta li ghall-fini ta' l-eredita` jibqghu jigu rapprezentanti minn ommhom fil-persuna tal-mandatarju taghha Joseph Chetcuti (fol 160) u l-istess werrieta huma parti mill-kawza odjerna bhala atturi u ghalhekk ma jistax jirrizulta l-allegat nuqqas ta' interess guridiku li jwassal ghal nullita` fl-azzjoni.

Dwar il-kuncett ta' interess guridiku, din il-Qorti kif presjeduta kellha okkazjoni tezamina l-aspetti relevanti fil-kawza deciza minnha fit-30 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet **Tabone Maria et vs Schembri Joseph** fejn qalet:
"Dwar il-kuncett ta' l-interess guridiku, jibda biex jinghad, li;

Fil-kawza fl-ismijiet Giulia Maria Millard vs George Said et noe deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Superjuri [LXXII-I-II-299] inghad li biex wiehed jista' jinghad li ghandu interess guridiku li jipproponi azzjoni, hemm bzonn li l-kawza li jipproponi tkun tista tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.

Fil-kawza fl-ismijiet **Alexander Eminyan vs John Mousu' pro et nomine** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Superjuri fit-28 ta' Frar, 1997 [LXXXI-11-429] gie ritenut li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta'

xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.

L-interess irid ikun guridiku, cioe` bbazat fuq xi dritt pretiz lez ta' l-atturi. (**Mattirolo** Vol. I pag.50; **Mortara** VolI p.588;). Il- **Mattirolo** f'dan ir-rigward jispjega li:
"L'azione compete soltanto e tutela dei diritti; l'interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d'altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` 'injuria datum', se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto."

Il-ligi qeghda hemm biex tipprotegi dak l-interess li ghandu dritt bhala bazi tieghu. Huwa ghalhekk, li jinghad li l-interess huwa l-mizura ta' l-azzjoni.

L-interess irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali cjoe jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt. (Ara **Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et noe.** deciza mill-Qorti ta' L-Appell fid-29 ta' Jannar 1997). Illi minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett ta' l-attwalita` tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jonqos, il-konsegwenza hija li l-konvenut jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Hekk gie ritenut fil-kawza **Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard** Appell Civili datat 17 ta' Frar 1993.

Illi gie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, u jista' jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghall-jedd morali jew suggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku. (Ara **Axiaq vs Mizzi noe et** Prim Awla Qorti Civili deciza fit-13 ta' Ottubru

1952, **Scolaro vs Bailey,** Appell Civili deciz fil-15 ta' Dicembru 1932, **Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin,** Prim'Awla Qorti Civili deciz fit-28 ta' Marzu 2003).

Dan il-principju gie ribadit fil-kawza **Falzon Sant Manduca vs Weale,** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun guridiku, jigifieri jkollu l-elementi mehtiega biex isawru l-interess ta' l-attur, izda dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku. Il-Qrati taghna, sahansitra taw decizjonijiet fis-sens li persuna ghandha nteress li tigi msejha fil-kawza anke fen la tista' tirbah il-kawza u lanqas tista' tigi kkundannata, imma biss ghaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet taghha u ghall-integrita` tal-gudizzju. (Ara **Lawrence Farrugia vs Joseph Fava** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Mejju 1995).

Ghalhekk jekk wiehed jipprova jigbor dawn il-principji fil-qasir wiehed jista' jghid li l-interess guridiku:

- irid ikun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta' jedd u jibqa' jezisti fil-kors kollu tal-kawza]
- irid ikun dirett
- irid ikun legittimu [konformi ghal dritt ta' l-attur, u mhux biss interess]
- irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]
- l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta' vantagg u utilita`
- ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur
- il-kawza li jipproponi tkun tista' tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.
- Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir
- Ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista' jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv."

Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel eccezzjoni.

***<u>D3. Intempestivita` tal-kawza minhabba li jrid ikun hemm rendikont ta' l-amministrazzjoni mill-ezekutrici testamentarja:</u>***

Din il-Qorti ma tistax tifhem il-bazi ta' eccezzjoni bhal din, ghax allura jekk Jane Bugeja ma tipprezenta qatt l-atti ta' l-amministrazzjoni, il-werrieta qatt ma jistghu jipprotegu l-proprjeta` mhollija lilhom. Kien jinkombi fuq Jane Bugeja li tipprezenta rendikont li ma jirrizultax la li sar qabel l-1995 u anqas in segwitu.

Tajjeb gie osservat fin-nota ta' l-atturi a fol 237 tal-process li:

"Illi wiehed ma jistax ma jinnotax per ezempju li minkejja li l-konvenuta Jane Bugeja ma kinitx ghadha giet imwettqa bhala ezekuttrici testamentarja skond il-ligi mill-Qorti kompetenti, rekwizit essenzjali in kwantu l-ligi tipprovdi li hi ma setghetx tindahal fl-amministrazzjoni tal-assi qabel ma tigi hekk imwettqa mill-Qorti tal-Gurisdizzjoni Volontarja u allura qabel ma tkun obbligat ruhha fl-atti tal-Qorti b'ipoteka ta' hwejjigha li sewwa tezegwixxi l-volonta` tat-testatur u li taghti kont tal-amministrazzjoni taghha skond kif ordnat mill-Qorti (artikoli 765 *et sec* tal-Kodici Civili), pprocediet biex tipprezenta r-rikors fejn identifikat ruhha bhala ezekutrici testamentarja meta l-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja ma kienitx laqghet sa dak iz-zmien tali talba;

Illi ulterjorment kif jidher mill-atti processwali l-konvenuta qatt ma kkonsultat lil Claire Azzopardi b'dan il-bejgh ghalkemm l-amministrazzjoni tal-wirt ta' Carmelo Azzopardi kienet kongunta u dana wara d-digriet tal-11 ta' Novembru 1993, li qatt ma gie kontestat jew varjat (a fol 187) u li dwaru l-konvenuta kienet taf peress li kienet partecipi fis-smiegh tal-istess rikors bil-presenza taghha, anke bl-assistenza tal-konsulent legali taghha;…"

*Quod nullum est ab initio, nullum producit effectum*. Bid-digriet tal-11 ta' Novembru 1993, is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili innominat lil Jane Bugeja u lit-tifla Claire biex jikkoamministraw il-wirt ta' Carmelo Azzopardi u li kwalunkwe decizjoni fuq l-assi tal-wirt kellha tittiehed minn

Jane Bugeja flimkien ma’ Claire Azzopardi u dana peress li kienet partecipi fl-istess process. *Invece* jirrizulta li Claire Azzopardi ma kienet taf xejn u li meta l-Qorti iddegretat awtorizzazzjoni, din kien in segwitu li ma gewx prezentati l-fatti kollha relevanti quddiemha. Dan sar bi vjolazzjoni tad-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' Novembru 1993.

Dan iwassal lil din il-Qorti biex tiddikjara li d-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta’ Dicembru 1994 huwa null ghax ir-rikors sar minghajr l-awtorizazzjoni ta’ Claire Azzopardi *qua* ko-amministratrici.

Dan iwassal ukoll biex il-Qorti tiddikjara l-kuntratt konsegwenzjali tal-31 ta’ Jannar 1995 huwa null ukoll.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghall-motivi msemmija taht “D2” u “D3”, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kif issemma.

Dwar l-eccezzjonijiet tal-kuraturi ma gie sollevat ebda aspett legali jew fattwali.

Dwar it-talba attrici, din qed tigi milqugha u l-Qorti tiddikjara bhala null u bla effett id-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta’ Dicembru 1994 maghmul fuq talba ta’ Jane Bugeja.

Tiddikjara bhala null u bla effett il-kuntratt tal-31 ta’ Jannar 1995 fl-atti tan-nutar Joseph Tabone bejn il-konvenuta Jane Bugeja u l-konvenut Giulio Zarb.

Tiddikjara konsegwentement bhala nulla u bla effett l-ipoteka spejcali registrata favur Godfrey u Alexander ahwa Bezzina u marthom Louise u Elizabeth rispettivament fl-istess data fuq il-proprjeta` 84, Spinola Road, San Giljan;

Tikkundanna lil Giulio Zarb sabiex fi zmien xaharejn jizgombra mill-fond 84, Spinola Road, San Giljan u jirrilaxxa l-istess favur l-atturi.

Spejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------